MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2003

Numru. 46/2003

Il-Pulizija
(Spettur Denise Mula)
vs
Shahod Al Yousef, Gheyas Dahrouj

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Shahod Al Yousef, detentur ta’ passaport Nru 4315299, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fis-16 ta’ Jannar, 2003 u fil-jiem ta’ qabel gewwa B’Bugia, kiser il-kundizzjoni mifhuma ta’ kull permess moghti lil xi persuna skond il-paragrafu (b) jew estiz skond il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 6 ta’ l-Att ta’ l-Immigrazzjoni li dik il-persuna ma ghandix gewwa Malta tezercita xi professjoni jew xoghol jew ikollha kariga jew tkun impjegata minn xi persuna ohra minghajr licenzja minghand il-Ministru responsabbli ghall-Immigrazzjoni;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Fuq ammissjoni tal-imputat waqt is-seduta tal-11 ta' Marzu, 2003;

Issibu hati, wara li rat l-Artikolu 6 u 32 tal-Kap. 217;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, irregistra ammissjoni u ilu karcerat mis-17 ta' Jannar, 2003;

Ghaldaqstant wara illi rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospiza ghal tlett snin mil-lum;

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-ligi ghal din il-piena.

--------------------------------TMIEM--------------------------------